Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,084, 17 ta' April, 2001
Taqsima B

A.L. 84 ta' 2001

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tas-sena 2001 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Gradi ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - u Master of Philosophy - M.Phil.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti tas-sena 2001 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Gradi ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - u Master of Philosophy - M.Phil. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Gradi ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - u Master of Philosophy - M.Phil. - ippubblikati bħala Avviż Legali 31 ta' l-1998, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw minn Marzu 2001 'il quddiem.

Emenda għar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-Bord ta' l-Eżaminaturi għandu jkun magħmul mill-anqas minn tliet eżaminaturi, li jinkludu *Chairman*, eżaminatur barrani, u membru ieħor, sakemm li l-eżami orali tat-teżi / tad-dissertazzjoni għandu jkun immexxi mill-anqas minn tliet eżaminaturi, u sakemm li s-superviżur ikun preklużi milli jeżamina iżda jkun mistieden jattendi bħala osservatur waqt l-eżami orali."